**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 246/2006**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Edgar Publio Bonnici**

**Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee' Axisa**

**Illum, 30 ta' Marzu, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati u cioe':

> **Edgar Publio Bonnici**, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 632650(M); u

> **Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee' Axisa**, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 600956M;

Billi intom akkuzati talli f'dawn il-gżejjer, fil-5 t'April 2001, b'mezzi kontra l-liġi jew billi ghamiltu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billli nqdejtu b'qerq ieħor, ingann jew billi urejtu ħaġa b'oħra sabiex igieghlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgha fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika ghamiltu qliegh ta' ħamsin elf u mitejn lira Maltin (Lm50,200.00) għad-dannu ta' Paul Tabone minn Ħaż-Żabbar;

Kif ukoll talli fl-istess data u ċirkostanzi approprajtu ruħkom billi dawwartu profitt ghalikom jew ghal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilkom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe ħadtu u żammejtu ghandkom ħamsin elf u mitejn lira Maltin (Lm50,200.00) ta' Paul Tabone minn Ħaż-Żabbar, liema flus ġew fdati jew ikkunsinnati lilkom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghkom

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta."

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet ix-xhieda prodotti

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 19 ta' Gunju, 2006 (esebita a fol. 153 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista tinstab htija jew htijiet fil-konfront taz-zewg imputati taht dak li hemm mahsub:

a. Fl-artikoli 308, 309, 293, 294, 310, 31, 30, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2007 l-imputat Edgar Pubblio Bonnici ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2007 l-imputata Maria Assunta sive Marcelle Cassar ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-imputati huma akkuzati bi frodi u mizapproprjazzjoni a dannu ta' Paul Tabone.

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

Illi fost akkuzi ohra, l-imputati jinsabu akkuzati bir-reati kif kontemplati fl-artikolu 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Artikolu 308** jipprovdi is-segwenti:

> *Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda*

*b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena.*

Illi **l-artikolu 309** jipprovdi li:

*Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Charles Cutajar**, deciza nhar it-23 ta' Marzu, 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima fejn il-Qorti ghamlet studju funditus dwar l-elementi kostittutivi tar-reat previst bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali:

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-*

*truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, *il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ....*"

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "***Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'* articolo non *richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-*dicitura partikolari *deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tarreat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccitat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli*

*Kriminali (**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza **Il-Puliizja vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, irrisposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tiddeciedi jekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Illi mir-rizultanzi processwali u fuq skorta tal-gurisprudenza enuncjata jirrizulta biss ir-reat previst bl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u cioe' il-frodi innominat. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputati ghamlet uzu ta' xi artifizji jew raggiri jew ta' xi apparat estern iehor li rrivesta bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri ta' Paul Tabone biex jissusti ir-reat ta' truffa kkontemplat bl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Il-parti leza ghazel li jghaddi l-flejjes lill-imputati semplicement abbazi tal-gideb adoperat minnhom. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) u dana billi l-ammont kien jeccedi l-ħamest elef euro (€5000).

**Ikkunsidrat:**

lli l-imputati jinsabu akkuzati ukoll b'approprjazzjoni indebita.

Illi **l-artikoli 293 u 294** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

> *'293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn disa' xhur: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

> *294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan**, 43 years, son of Robert and Elmira nee' Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID card number 18658A and Almerian passport number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd February 2006' Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2013 (Numru: 77/2019), gie kkunsidrat li:

> 'In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided: *"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*
>
> 1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti*

*jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk*

*idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat.

> *"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta'l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali flismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

> *“Minn ezami ta’ l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta’ lapproprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu milloggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta’ approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita’. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta’ serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita’, apparti l-kwistjoni tal-moralita’. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F’kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta’ approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta’ l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata’ jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak luzu jew uzu divers.”*

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta’ dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Siegfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fit-23 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta’ dan rreat. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*“Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e’ necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta’, a scopo d’indebito profitto per se’ o per un terzo, il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ Della conversasione con scienza della sua illegittimita’, e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e’ [come nel furto e nella truffa] l’animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell’inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l’esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l’operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche’ non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l’incaricato di esigere l’importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione,*

*trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

**Provi**

Nhar it-22 ta' Marzu, 2006 xehed **l-ispettur Angelo Gafa'**[1] fejn spjega li madwar xahrejn qabel kien mghoddi lilu kwerela mill-Avukat Dr. Ludvic Caruana f'isem Paul Tabone fejn fiha dawn kienu qed jallegaw frodi ta' madwar Lm50,000 allegatament kommess mis-Sur Edgar Bonnici ghad-dannu tal-istess Paul Tabone. Ma' din il-kwerela li kienet igib id-data tal-31 ta' Jannar 2006, xehed li kellu 4 *cheque images* tal-HSBC li b'kollox kienu jammontaw Lm50,200 u li dawn kienu gew imsarrfa minn certu Edgar Bonnici, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 632650M, fil-5 t'April 2001 u dawn kienu ġew imsarrfa fl-HSBC ta' Ħaż Żabbar.

Xehed li kellu wkoll diversi korrispondenza flimkien ma' din il-kwerela bejn il-kwerelant, is-Sur Paul Tabone, u s-Sur Bonnici bejn il-perjodu ta' Mejju 2001 u Ottubru 2003. Kompla jghid li kien hemm ukoll skrittura privata ġġib id-data tal-5 t'April, 2001 ffirmata bejn is-Sur Paul Tabone u Edgar Bonnici b'Marcelle Cassar bħala xhud tal-firem.

Huwa kompla jghid li fl-4 ta' Frar tas-sena 2006 meta hu kien mghoddi din il-kwerela, kien mar is-Sur Paul Tabone akkumpanjat mill-Avukat Dr Caruana u kien kellmu fl-ufficcju tieghu fejn kien spjegalu illi fil-5 t'April tas-sena 2001 wara diversi laqghat li kellu mas-Sur Bonnici u ma' Marcelle Cassar kien ghadda lis-sur Bonnici erba' ċekkijiet tal-HSBC li jammontaw Lm50,200. Spjega li huwa kien gie infurmat minn Paul

[1] A folio 9-20 tal-proċess

Tabone li l-imputat Bonnici kien qallu illi f'inqas minn ġimgha kien kapaċi jitla' l-Italja u s-somma ta' hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm50,200) itellaghhomlu ghas-somma ta' mitt elf u disa' mitt Lira Maltin (Lm100,900). Kompla jghid li gie infurmat li minkejja li c-cekkijiet kellhom data differenti, s-Sur Paul Tabone kien harighom kollha fl-istess ġurnata u cioe fil-5 t'April, 2001.

Xehed ukoll li gie nfurmat li l-*commission* tas-sur Bonnici kellu jiehu hsiebha hu stess izda wara li ghaddew hames snin hu la kien ircieva lura s-somma ta Lm 50,200 u wisq anqas Lm100,900 imweghdha lilu. Spjega li gie infurmat ukoll li hemm sentenza tal-Qorti tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li fiha Bonnici kien gie ordnat ihallas is-somma ta' Lm50,000 lis-sur Tabone, liema sentenza giet appellata.

L-ispettur Gafa' kompla jispjega li fit-13 ta' Frar 2006 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu kienu marru PS 824, is-Surġent Arthie Mercieca u PC 474 Norbert Said fejn dawn esegwew mandat t'arrest fil-konfront ta' Edgar Publio Bonnici, kif ukoll fl-istess ġurnata kienet volontarjament attendiet fid-depot Maria Aasunta k/a Marcelle Cassar nee' Axisa, detentriċi bil-karta tal-identita bin-numru 600956M, din kienet ġiet id-depot ghall-habta tan-nofs siegha u kienu ittehdulhom diversi stqarrijiet taht is-solitu twissijiet. Tenna li huwa kien arrestahom wara li kien awtorizzat li jaghmel dan mill-Magistrat Meli.

Kompla jixhed li z-zewġ imputati Marcelle Cassar u Edgar Bonnici kienu qalulu li fil-5 t'April, 2001 Tabone kien ghaddielhom dawk l-4 cekkijiet b'kollox Lm50,200 filwaqt li preciza li c-cekkijiet kien ghaddiehom lil Bonnici wara li dan ta' l-ahhar kien wieghdu li b'diversi transazzjonijiet kien kapaci jtellghu ghal Lm100,900 u dawn ir-transazzjonijiet kellhom jissucjedu fl-Italja. Dawn ic-ċekkijiet ghaddew f'denominazzjoni Maltija u skont Bonnici dawn issarrfu f'munita Sterlina, u wara xi ftit jiem

Marcelle Cassar u Bonnici telghu l-Italja f'Milan u hemmhekk iltaqghu ma' certu Sergio Calleja li ha hsieb il-kuntatti fl-Italja. Qal li kienu spjegawlu li huma kienu ltaqghu f'xi bar f'Milan fejn hemmhekk kien gie Sergio Calleja ma' xi Taljan b'basket mimli bi flus Taljani u dan Sergio qabad xi tlett karti minn dan il-basket u ha lil Marcelle Cassar mieghu, go xi tlett hwienet differenti sabiex juriha il-genwinita ta' dawn il-karti Taljani.

L-Ispettur kompla jghid li fl-istqarrija taghhom l-imputati kienu bidlu l-verzjoni fis-sens li kien hemm bidla ta' zewg basktijiet. Xehed li l-bidla fil-basktijiet saret ta' malajr ma' Sergio Calleja u ma vverifikawx il-flus kollha izda hargu biss 3 noti kemm jaraw humiex tajbin. Kompla jispjega li gie infurmat li lura fil-kamra tal-hotel taghhom l-imputati skoprew li l-flus Taljani kienu foloz u ma ghamlu l-ebda rapporti dwar dan, kemm mal-Pulizija Taljana u mal-Pulizija Maltija.

Spjega li d-diskrepanza fl-istatements taz-zewg imputati kienet li filwaqt Marcelle Cassar infurmatu li meta Edgar Publio Bonnici skopra li dawn il-flus kienu foloz, mar u ramihom fir-rubbish bin li sab barra, filwaqt li Bonnici qal li meta skopra li l-flus kienu foloz ghaddiehom lil Sergio Calleja. Kompla jghid li aktar minn hekk filwaqt li Marcelle Cassar qalet li Sergio Calleja ma kienx prezenti meta huma skoprew li l-flus kienu foloz fil-kamra tal-hotel taghhom, Bonnici qal li fil-fatt kien Sergio Calleja li nduna li l-flus kienu foloz u nduna b'din ir-*rip-off*, induna bil-frodi li kien sar ghad-dannu taghhom. Huwa spjega li madanakollu t-tnejn li huma infurmawh li fil-fatt kienu nsistew mas-Sur Paul Tabone u cioe' l-kwerelant, sabiex jitla', itella' lit-tifel tieghu maghhom l-Italja sabiex ikun prezenti waqt dawn it-transazzjonijiet, pero' dan eventwalment milli jidher biddel fehmtu fl-ahhar hin u iben Paul Tabone ma setax jitla' maghhom. Stqarr li huwa kellem lil Paul Tabone li kkonfermalu li kien ser jitla' t-tifel tieghu u kien anke hallas il-passagg lil Marcelle Cassar

halli din tkun ir-rapprezentanta tieghu waqt dawn it-transazzjonijiet fl-Italja izda kompla jispjegalu li hadd ma infurmah bl-istorja tal-flus foloz.

L-Ispettur zied jghid huwa ghamel xi ricerki fuq Sergio Calleja u sab li dan Sergio Calleja huwa frodist maghruf hawn Malta tant hu hekk li xi zmien ilu kien harab minn din il-Gzira taghna.

Kompla jghid li mir-ricerki mal-banek ma rrizulta xejn pozittiv izda sab xi transazzjonijiet li kien ghamel is-Sur Bonnici mal-Eurochange u rrizultalu li fis-6 t'April, 2001 kien sarraf sitta u ghoxrin elf u disa' mija u hamsa u sebghin Lira u wiehed u disghin centezmu (Lm26,975.91) f'munita sterlina izda ma setax isib il-kumplament tal-flus. Zied jghid li huwa kompla bl-istharrig tieghu u anke rega' kellem lill-imputati fejn is-Sur Bonnici kien anke ghaddilu korrispondenza ta' certu Steve Garrett li madanakollu ma kienx parti mit-transazzjonijiet li kellhom isiru.

In **kontro ezami** nhar l-10 ta' Ottubru, 2018 huwa prezenta sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Paul Tabone vs Edgar Bonnici deciza fis-sena 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talbiet ta' Paul Tabone u ddikjarat li Edgar Bonnici huwa debitur ta' Tabone fis-somma ta' hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm50,200).

Huwa kkonferma li l-flejjes ghaddew permezz ta' cekkijiet li gew imsarrfa minn Edgar Bonnici u li fl-iskrittura privata li kienet giet iffirmata bejn il-partijiet, l-imputata Marcelle kienet biss xhud tal-firma. Mistoqsi ghaliex Marcelle giet akkuzata bi frodi u b'misappropriazzjoni, hu wiegeb li Marcelle Cassar kienet persuna li dejjem akkumpanjat lis-Sur Bonnici fl-inkontri li kellu mas-Sur Tabone, kienet il-persuna ukoll li kienet xhud tal-firem fuq dik l-iskrittura privata u kienet hi li akkumpanjat lil Edgar Bonnici f'Milan fejn allegatament skambjaw flus ma' dawn it-Taljani u li tat verzjonijiet differenti minn ta' Bonnici. Mistoqsi jekk

Marcelle marretx fuq is-Sur Tabone u qaltlu biex jaghmel it-transazzjoni jew biex jkun hemm qliegh ta interessi, xehed li kien is-sur Bonnici kien li qal dan id-diskors.

**Paul Tabone**[2] xehed nhar it-22 ta' Marzu 2006 fejn spjega li Edgar Bonnici kien gie rakkomandat minn Marcelle Cassar u kien ghalhekk li ghaddielu l-hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm50,200) sabiex ikabbarhom u jaghmilhom somma ikbar f'perjodu qasir ta' kwazi inqas minn gimgha. Spjega li Edgar Bonnici kellu jgibhom id-doppju, flok l-hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm50,200) kellu jgiblu mitt elf u disa' mitt Lira Maltin (Lm100,900) u fl-istess hin it-transazzjonijiet kienu se jsiru bi hmistax fil-mija kull darba kull meta jaqbzu, jaqbzu bi hmistax fil-mija. Qal li dawn kellu jmur bihom l-Italja.

Meta mistoqsi x'kien qal Edgar Bonnici fuqu innifsu, jigifieri kif iddeskriva lilu innifsu, ix-xhud wiegeb illi hu qal illi kien kaxxier tal-Museum, kellu t-tifla u ohtu sorijiet u accertah li l-ammont li jrodd lura kien ta' mitt elf u disa' mitt Lira Maltin (Lm100,900) u dan ghax hu urieh bil-miktub bicca bicca kif kienu jikbru l-ammonti bil-15%. Qal li Bonnici kien spjegalu li l-ammont ta' l-hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm 50,200) kellhom jigu dejjem *transacted* minn bank ghal iehor, b'awment ta' 15% sakemm jitilghu ghall-ammont ta' mitt elf u disa' mitt Lira Maltin (Lm100,900). Ix-xhud tenna li dan qalulu Edgar Bonnici stess u Paul stess kien tah kont bankarju tieghu go l-Italja li kien juzah ghan-negozju tieghu.

Spjega li peress li l-ftehim kien li kellhom jidhlulu xi flejjes, huwa beda jikkorrispondi mal-bank sabiex jara jekk il-flejjes gewx depozitati izda rrizulta li xejn ma kien qieghed jigi depozitat u meta kien kellem lill-imputati, dawn infurmawh li qieghdin jistennew ghax kellmu certu

---

[2] A folio 42-53 tal-proċess

wiehed Sergio, persuna li kienu semmewhulu qabel izda qatt ma kellmu huwa personali. Kompla jghid li lill-imputata Marcelle Cassar kien hallasilha passagg ghax bdiet tilmenta li ghandha bzonn il-flus biex tmur ma’ Edgar l-Italja.

Is-Sur Tabone spjega li l-flus baqghu qatt ma waslu u qatt ma infurmawh b’xejn ghajr li qeghdin f’idejn Sergio li sparixxa u ma jafux fejn mar. Kompla jghid li l-flus huwa tahom lill-imputati sabiex jinnegozzjahomlu u dan fuq suggeriment ta’ Marcelle Cassar. Zied jghid li huwa istitwixxa proceduri civili fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-hlas ta’ l-hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm50,200) liema kawza rebah izda giet appellata.

Qal li l-iskop originali ghaliex tah il-flus kien biex jinnegozzjahom u jkabbarhom, skema li skond l-istess xhud dehret skema facli u dak iz-zmien kien zmien li l-Italja kienu qed jaqilbu ghal Euro u kienet facli biex dawn it-trasazzjonijiet jikbru minn wahda ghal ohra bil-15% b’hekk kien qed jikber l-ammont. B’referenza ghat-tifel tieghu, huwa spjega li dan kellu jitla’ maghhom izda ma telax ghax kienet short notice.

Paul Tabone rega’ xehed nhar l-20 ta’ April, 2006 fejn ezebixxa prospett li juri l-akrexximent tal-imghaxijiet li kellhom jakkumulaw fis-somma li hu ghadda lill-imputat, liema prospett inkiteb minnu stess, kif ukoll il-korrispondenza kollha li ghaddiet bejnu u bejn is-Sur Edgar Publio Bonnici.

**Dr. Ludvic Caruana**[3] xehed nhar it-22 ta’ Marzu, 2006 fejn ikkonferma l-kwerela mibghuta minnu lill-Kummissarju tal-Pulizija f’isem Paul Tabone datata 31 ta’ Jannar 2006.

[3] A folio 54-55 tal-proċess

**Audrey Gigho**[4] in rapprezentanza tal-Bank HSBC xehdet nhar it-22 ta' Marzu, 2006 fejn ezebiet 4 *cheque images* mahrugin mill-kont bankarju ta' Paul Tabone tal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 422601237.

Fl-20 ta' April, 2006 xehed **Mark Anthony Tabone**[5] u cioe' iben Paul Tabone fejn spjega li fis-sena 2001 kienu gew avvicinati minn Marcelle Cassar li infurmathom li hemm lok ta' investiment ma' certu Edgar u laqghathom mieghu u mid-diskussjonijiet li kellhom gew infurmati li jekk jinvestu ċertu ammont ta' flus wara ftit jiem dawn prattikament jirdoppjaw. Sussegwentament huma hasbuha u ddecidew sabiex jidhlu ghal dan l-investiment u gew infurmati kif ser jirdoppjaw il-flus, xi haga li hu, missieru u r-ragel ta' ohtu Jason Bianco bdew jemmnu, liema laqghat sar fix-showroom taghhom f'Rahal Gdid.

Spjega li l-ammont li kienu ghaddew kien ta' hamsin elf u mitejn Lira Maltin (Lm50,200), minn liema ammont hu ma kellu xejn izda kien prezenti ghall-laqghat. Kompla jghid li Edgar kien spjegalhom fuq karta kif jistghu jsiru t-transazzjonijiet li prattikament kienu ha jsiru minn munita Maltija u johroguhom f'muniti barranin u peress li dak iz-zmien l-Italja kien hemm il-qlib tal-munita minn Lira Taljana ghal Ewro kien hemm certu negozju li jista' bniedem jsarraf din il-munita barranija. Ix-xhud tenna li ra l-flus ibiddlu l-idejn u anke ra c-cekkijiet isiru quddiemu, liema cekkijiet gew mghoddija lil Edgar fil-prezenza ta' Marcelle Cassar. Kompla jghid li s-sur Bonnici tahom stampa cara li huwa bniedem ta' certu integrita' u kien infurmahom li ohtu u t-tifla tieghu sorijiet u huwa involut fil-mużew u kien qieghed ihejji ghall-migja tal-Papa li kienet ha ssir ftit wara. Apparti minn hekk qalilhom wkoll li kien involut fil-klabb tal-Ħamrun Spartans, li dak iz-zmien, kien ghadu vici-president pero' wara li avvicinawh, meta l-flus ma waslux, kien lahaq president.

[4] A folio 56-57 tal-proċess
[5] A folio 100-121 tal-process

Ix-xhud spjega li l-flus, ma kellhomx idumu iktar minn gimgha biex ikunu ghandhom ghax dawn it-transazzjonijiet kellhom isiru fi tlett ijiem. Kompla jghid li missieru kellu kont bankarju barra minn Malta u kellu l-fakulta' li jew jiddepozita l-ammont kollu fih, jew inkella semplicement jiddepozita l-qliegh u jerga' lura bl-investiment, izda minn dawn il-flus xejn ma gie lura. Spjega li lis-sur Bonnici avvicinah hafna drabi anke mar hu stess ifitxu d-dar u jcempillu u jibghatlu faxes u fl-ahhar laqgha li kellhom ma' l-istess Edgar Bonnici, dan infurmahom li ghandu xi diffikulta' u li t-transazzjonijiet ma sarux u l-flus qeghdin ghand certu wiehed Sergio, li dakinhar huma kienu jahsbu li hu xi Taljan izda rrizulta li huwa Malti.

Mark Anthony Tabone spjega li fl-ewwel laqghat kienu staqsew lill-Edgar jekk dan ix-xoghol kienx ghamlu qabel u kien accertah li kien ghamlu darb'ohra u din kienet ser tkun x'aktarx it-tieni darba filwaqt li kompla jghid li ma qalilhomx ma' min kien gia ghamel in-negozju qabel. Tenna li l-ftehim kien li l-qliegh kien se ikun kollu ghalihom u Edgar kellu jahseb hu ghalih. Spjega li huma hallsu l-passagg ta' Marcelle Cassar filwaqt li kompla jghid li hu kien mistieden jitla ukoll izda ma setax peress li kien infurmat l-ahhar hin.

Ix-xhud kompla li qatt ma sema' x'gara u ma garax mill-flus u kienu gew infurmati bid-diffikulta' li kellhom fl-ahhar zewg laqghat u ried jerga' jitla' biex igib lura dawn il-flus, pero' qatt ma semmielu x'gara minnhom.

B'referenza ghall-involviment ta' Marcelle Cassar, xehed li din kienet introduciethom ma' Edgar u ssuggerit li jsir dan in-negozju wara li infurmathom li taf persuna li jaghmel dawn l-affarijiet u gia kellha relazzjoni mieghu. Ix-xhud spjega li huma ma ghamlux verifiki fuq minn hi Marcelle Cassar peress li ma kellhomx hin stante li n-negozju sar fi ftit

jiem izda stante li Edgar prezenta ruhhu bhala bniedem ta' integrita', fdawh u qatt ma ghaddilhom minn mohhhom li setgha jingannahom. Kompla jispjega li lil Sergio kienu semmewh tant li Edgar kien qalhom li kien se jaghmel din il-bicca xoghol ma' Sergio.

Xehed li qatt ma tawh raguni ghaliex dawn il-flus ma gewx lura u ghaliex gew ingannati, qalilhom biss li kellu xi diffikultajiet u ried jerga' jitla' biex jigborhom lura minghand Sergio u li t-transazzjonijiet ma sarux.

Ix-xhud spjega li din kienet l-ewwel darba li hu prova jinvesti xi flus u jaghmlu xi transazzjonijiet ta' dan it-tip, ma ghamlux verifiki u li baqghu jimxu fuq l-integrita' tal-persuna peress li kien ikkonvinciehom.

Mark Anthony Tabone[6] xehed in kontro ezami nhar il-11 ta' Ottubru 2017 fejn spjega li huwa kien prezenti meta missieru ghadda c-cekkijiet fl-ammont ta' Lm50,200 izda ma kienx jaf jekk kienx hemm permess mic-Central Bank biex jinhargu dawn il-flus minn Malta.

Kompla jghid li hu kien prezenti mill-bidu tan-negozju u meta l-imputata Marcelle kienet marret is-showroom taghhom biex tindikalhom xi proprjetajiet li kellha ghal bejgh u dakinhar fil-lift kienet qaltilhom li kienet taf b'persuna li jista' jinvesti xi flus jaghmel xi transazzjonijiet barra u l-ammont ta' flus ikun sostanzjali li prattikament jirdoppja.

Huwa kkonferma li ma ghamilx verifiki u investigazzjonijiet fuq il-persuna ghax kellhom impressjoni li kien ragel onest u ghalhekk emmnuh filwaqt li spjega li qatt ma saret komunikazzjoni ma' persuna barranija hlief ma' Edgar u qatt ma kellem lil Sergio jew li missieru kellem lil Sergio.

[6] A folio 361-373 tal-process

Spjega li hu gie offrut minn Edgar u Marcell biex jitla maghhom l-Italja izda hu ma setax imur minhabba x-xoghol u li hu kien konxju li kienu ser isiru transactions ghal currency barranija ghal diversi drabi kuljum biex b'hekk l-ammont jitla kull darba hmistax fil-mija.

**Mark Gatt**[7] xehed nhar il-15 ta' Gunju 2006 fil-kapacita' tieghu ta' impjegat mas-socjeta' EuroChange, fejn ix-xoghol taghhom huwa l-kambju u cioe' *foreign exchange* u spjega li fis-6 t'April 2001, Edgar xtara wiehed u erbghin elf sterlina u hallashom li kienu jammontaw ghal Lm46,000.

Nhar il-15 ta' Gunju, 2006 xehed **Jason Bianco**[8] li spjega li huwa mizzewweg lit-tifla tas-Sur Paul Tabone u l-każ beda meta huma kienu qed ifittxu proprjeta' biex jibnu mahżen u kien hemm xi sensar li ressaq lil Marcelle Cassar li kellha xi proprjeta' wara is-showroom f'Rahal Gdid pero' ma ftehmux fuq il-prezz. Xehed li hi qalet lil Paul Tabone li hi kienet taf lil xi hadd li jaf jhaddem il-flus u dan stedinha biex igibu is-showroom, kif filfatt gara izda ghall-ewwel laqgha hu ma kienx prezenti meta kienu iltaqghu ma' Edgar Publio Bonnici izda kien prezenti biss ghat-tieni laqgha, matul liema, Edgar kien fehemhom kif ser isir in-negozju. Kompla jghid li Edgar kien infurmahom li jekk hu jkollu Lm50,000, issarafhom fi flus, ta' xi currency ohra, jehodhom l-Italja u issarfhom fi flus Taljani u jaqla 15% peress li dak iz-zmien l-Italja kienet ser iddahhal l-Euro. Sussegwentament huwa kien jerga jehodhom il-bank l-Italja stess, isarrafhom u jerga' jaghmel din ir-repetizzjoni.

Ix-xhud spjega li meta huwa staqsa lil Edgar jekk dawn kienux flus legali, dan ta' l-ahhar kien donnu ha ghalih ghaliex huwa bniedem ta' certa

---

[7] A folio 127-128 tal-process
[8] A folio 136-148 tal-process

integrita' u accertahom li dan in-negozju huwa legali. Xehed li Edgar kien infurmah li hu l-kaxxier tal-assocazzjoni tal-Muzew u li huwa involut fil-klabb tal-Ħamrun Spartans.

Kompla jghid li wara gimgha min din id-data, Edgar ma cemplilhomx u ma ghamilx kuntatt maghhom u ghalhekk kienu bdew jippruvaw jikkuntattjawh permezz tal-fax u tat-telefon u kien anke mar kemm-il darba d-dar tieghu imma lilu qatt ma sabu hemmhekk. Kompla jghid li kien ihallilu ittri u noti biex iccemplilhom imma kien kollu ghalxejn u darba minnhom mar ifittxu l-klabb tal-Hamrun u ma sabux pero' mbagħad sabu il-ground wara li dam hafna jistennih. Spjega li fil-komunikazzjonijiet li hu kellu ma' Edgar, dan ta' l-ahhar dejjem accertahom li l-flus kienu ser jaslu daqt, liema flus ma waslu qatt u kien jghidilhom li ma ghandux cans jiltaqa' maghhom peress li kien imhabbat bix-xoghol.

Xehed li meta z-zmien beda ghaddej u baqghu bla risposta Edgar kien qalilhom li ghandu xi problema ma' Sergio filwaqt li kompla jghid li kien jissemma' ukoll certu Steve Garrett, u cioe' persuna li allegatament Edgar hadu mieghu l-Italja biex jipprova jirranga bicca xoghol. Kompla jghid li wara hafna izda qabel irrapurtaw dan il-każ, Edgar beda jghid li Sergio seraqlu l-flus pero' ma qallilhomx b'liema mod serqu.

Huwa tenna li l-mod kif pinga l-bicca tax-xoghol Edgar dejjem kienet xi haga facli u kien diga' ghamilha u li m'hemmx riskju izda aktar ma beda jizvolgi l-kaz, qatt ma ried jigi face to face maghhom tant li darba rah jipparkja u mar hdejh u ma gharfux izda gharaf lil Paul u qallu biex ma jinkwieta xejn.

Xehed in kontro ezami[9] nhar is-6 ta' Dicembru 2017 fejn kkonferma li l-ewwel li sar jaf kien lil Marcelle peress li kienet marret tbiegħ proprjeta' li kienet qieghda wara x-showroom u din laqqghethom ma' l-imputat l-iehor Edgar. Spjega li hu dahal fl-ahhar meeting sabiex jaghmel photocopy tac-cekkijiet u tad-dikjarazzjoni li kien ghamel Edgar u ma kienx prezenti waqt id-diskussjoni. Tenna li kien jaf bit-transazzjonijiet peress li kien ghamel kopji tac-cekkijiet li kienu jammontaw ghal madwar Lm50,000 u kien hemm cekk iehor ghall-passagg ta' Marcelle.

Spjega li hu kien jipprova jikkomunika ma' Edgar peress illi Paul ma kienx jaf jikteb u iltaqa' fizikament ma' Edgar darba meta mar ifittxu ma' Paul il-Ħamrun. Zied li lil Sergio Calleja sar jaf bih l-ewwel darba mill-email u ma jafx x'irwol kellu u mill-email kien jidher li huwa l-*istumbling block* ghaliex in-negozju ma giex attwat.

Nhar il-11 ta' Gunju, 2007 xehdet l-**Ispettur Edel Mary Camilleri**[10] fejn giet mitluba taghti informazzjoni dwar movimenti ta' l-imputati bejn Marzu u April tal-2001 izda ma nstab ebda moviment la dhul fil-pajjiz u lanqas hrug minn Malta.

L-imputat **Edgar Publio Bonnici**[11] xehed nhar it-2 ta' Marzu, 2009 fejn ikkonferma l-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija u spjega li hu hareg il-flus mill-but u li t-tifel ta' Paul Tabone kellu jmur maghhom l-Italja u li kieku mar maghhom, kien ikollu ukoll responsabilita' tal-flus kollha fuqu izda hassar il-mawra fl-aħħar mumenti u raha stramba li wiehed jaqbad jaghtih Lm50,000 hekk. Xehed illi t-tifel ta' Paul kien kellem lil Sergio Calleja fuq it-telefon u hu vverifika l-affarijiet assurtament u anzi kien anzjuz li jfittxu jaghmluha mill-aktar fis possibli.

[9] A folio 378-391 tal-proċess
[10] A folio 166-167 tal-proċess
[11] A folio 178-181 tal-proċess

L-imputat esebixxa dokument li juri l-kumplament l-ohra tal-flus li kienu mill-BOV u li kienet it-transazzjoni illi saret fis-sena 2001 fejn hargu ghall-iskop li jkopru l-ammont ta flus kollu.

Huwa spjega li hu prova jispjega lis-sur Tabone li kienu f’kuntatt kontinwu ma’ Sergio Calleja u f’salt wiehed Sergio Calleja ma kompliex jaghmel komunikazzjoni lanqas ma’ Garrett.

Nhar il-25 ta’ Gunju 2009 xehed **Stephen Garrett**[12] fejn spjega li huwa jaf lill-imputati peress li kienu qieghdin jippruvaw jaghmlu xi business flimkien ma Sergio Calleja. Spjega li milli jidher dan in-negozju ma sarx u Edgar beda jipprova jikkuntatja lil Sergio Calleja imma dan ma bediex jirrispondi. Kompla jghid li biex ikun hemm xi rispons minghand Sergio Calljea, Edgar kien idettalu xi ittri biex jibaghthomlu u iffirma hu (Stephen) u kien hemm okkazjoni fejn hu, Edgar u Marcelle marru Milan iffitxu lil Sergio izda ma rnexxilhomx sa anke marru jkellmu lil missier l-istess Sergio Calleja Fleur De Lys li kien qalilhom li lanqas ghandu kuntatt mieghu u li l-istess Calleja ghandu hafna nkwiet. Ix-xhud qal li kien sema’ lil Edgar jipprova jcempel lil Sergio biex jirrangaw fuq dan l-ammont ta’ flus izda quddiemu qatt ma ssemmew flus misruqa filwaqt li kompla li hu ma kienx mar l-ewwel darba maghhom Milan u ghalhekk hu ma jafx x’gara.

Nhar is-17 ta’ Settembru, 2009 l-istess xhud xehed li ma ghandux kopja tal-korrispondenza ta’ bejnu u bejn Sergio Calleja filwaqt li nhar it-23 ta’ Settembru, 2010 xehed li lill-imputati Marcelle u lil Edgar jafhom izda lil Sergio Calleja huwa ma jafux. Mistoqsi fuq certu Mark Bartolo, ix-xhud

[12] A folio 192-201 tal-process

spjega li jafu u qal li illum dan mejjet u zied jghid li ma jiftakarx li Mark Bartolo kien involut f'dan il-każ.

Huwa rega' xehed[13] nhar il-5 ta' April, 2017 fejn xehed illi hu flimkien ma' l-imputati Edgar u Marcelle kienu jiltaqghu b'mod formali biex jiddiskutu xoghol, business differenti u kienu qed jiddiskutu xi haga li ghandha x'taqsam mal-flus u li se jissarrfu xi flus. Mistoqsi jekk Sergio kienx parti minn dan id-*deal*, ix-xhud wiegeb li Sergio kien wiehed li jaf lis-Sur Bonnici, pero hu qatt ma ltaqa mieghu. Kompla jghid li hu kien siefer maghhom Milan fuq din il-biċċa xoghol u r-raguni li telghu kienet biex jiltaqghu ma' dan Sergio izda ma kienx jaf ghalfejn riedu jiltaqghu ma' Sergio bl-intiza li jaghmlu negozju iehor izda tenna li huwa ma kienx involut f'dan in-negozju. Stqarr li meta telghu it-tieni darba, in-negozju kien diġa sar ghax l-imputati kienu diġa telghu qabel izda ma jafx x'gara meta kienu hemmhekk l-ohrajn. Mistoqsi r-raguni ghalfejn akkumpanjahom l-Italja, huwa wiegeb li tela' maghhom biex jaghmlu negozju iehor pero' meta mistoqsi dan il-business iehor x'kien, hu wiegeb, li huma kienu jippruvaw jiddealjaw b'affarijiet differenti, bhad-deheb. Qal li l-affarijiet li kienu jidealjaw huma, kienu legali mhux illegali bhal drogi. Tenna li n-negozju kien jittratta tisrif ta' flus u ma kienx jaf il-flus in kwistjoni x'sar minnhom meta dawn il-flus marru jissarrfu. Qal li lanqas jaf l-ammont kemm kien. Mistoqsi fuq is-somma ta' Lm600 li kien qal li hareg a folio 196 tal-process, qal li ma jiftakarx li hareg Lm600 hu.

Nhar l-14 ta' Gunju, 2017 Stephen Garrett[14] xehed li s-somma ta' Lm600 kien sellifhomlhom sabiex jaghmlu negozju bl-intiza li meta jigu lura, kienu ser jrodduhom lura filwaqt li zied jghid li ma ghandux skrittura li turi s-self ta' Lm600 u lanqas hadhom lura dawn il-flus. Huwa zied jghid li l-flus sellifhomlhom ghax ma kellhomx biex jitilghu Milan.

[13] A folio 329-342 tal-process
[14] A folio 345-359 tal-process

Madanakollu fl-istess xhieda, huwa kompla jghid li l-imputati Edgar u Marcelle hallsulu biex jitla' maghhom peress li hu sellifhom Lm600, u peress li l-flus ma kienx se jehodhom lura, tela' Milan maghhom bhala holiday biex jiehu xi haga lura. Mistoqsi x'gara meta tela' maghhom l-Italja, huwa wiegeb li ma gara assolutament xejn u spjega li dawn marru jippruvaw ikellmu lil Sergio pero' dan Sergio qatt ma deher.

Xehed li huma kienu jibghatu korrispondenza permezz ta' ittri li kien jikteb hu biex jikkomunika ma' Sergio peress li dan ta' l-ahhar ma kienx ikellimhom u ma jiftakarx li gieli kienu jcemplu lil Sergio mill-linja fissa tad-dar tieghu izda gieli ntbaghtu faxes ukoll mid-dar tieghu.

**Maximilian Fenech**[15] in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehed nhar il-25 ta' Gunju, 2009 fejn spjega li saret transazzjoni minnu ta' tisrif ta' sterlini minn Maltin fejn il-klijent tal-Bank u cioe' Marcelle Cassar tat lil Bank Lm23,219 sabiex issarrafhom fi sterlina.

Nhar il-25 ta' Gunju, 2009 xehed **Michael Calleja**[16] u cioe' missier Sergio Calleja fejn spjega li huwa jaf lil Edgar Bonnici peress li daqs seba' snin qabel kien id-dar tieghu u gie infurmat li ghamel negozju ma' Sergio barra minn Malta u Sergio ma kienx mexa sew maghhom. Spjega li huwa m'ghandux relazzjoni mat-tifel tieghu ghax dahal fi problemi kbar habba fih ghax kellu fabbrika marret hazin u ghandhom xi proprjeta' ipoteka fuqha u ghadhom ibatu l-konsegwenzi.

In kontro ezami nhar l-10 ta' Ottubru 2018 ix-xhud gie mistoqsi jekk jafx fejn hu it-tifel tieghu u wiegeb li l-ahhar li kien jaf fuq Sergio hu li madwar hames snin ilu, kien qieghed jmur minn pajjiż ghal iehor fuq

[15] A folio 202-203 tal-process
[16] A folio 204-207 tal-process

xoghol bl-ahhar post li jaf li kien il-Germanja izda illum ma jafx fejn jinsab.

**WPC 38**[17] xehdet li mir-ricerka li ghamel irrizultalha li f'Dicembru 1992 certu Sergio Calleja li kien jahdem bhala managing director tal-SMK Marketing Ltd kien ghamel gwadann ghad-dannu ta' haddiehor fl-ammont ta' Lm812 ghad-detriment ta' CITI LTD Valletta izda gie liberat.

Nhar it-28 ta' Novembru 2018 xehed **Emanuel Sciriha**[18] in rapprezentanza tar-Registratur Tal-Qrati Civili u Tribunali fejn pprezenta kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Paul Tabone vs Edgar Bonnici Cachia u Rita Cachia* citazzjoni numru 1084/2003 mghotija fil-5 ta' Novembru 2005, giet appellata izda fl-20 ta' Gunju 2006 l-Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell dezert.

L-imputata **Maria Assunta sive Marcelle Cassar**[19] xehdet nhar it-23 ta' Mejju, 2019 fejn spjegat li hija kienet taf lil Steven Garrett peress li kienet tahdem mieghu il-Melita Cable izda hi kienet telqet mill-Melita u darba fost l-ohrajn kienet qed titkellem mieghu u qalilha biex tmur maghhom ghax kienu qeghdin jaghmlu xi negozju u hi accettat biex taqla' xi haga. Qalet li dan sehh fis-sena 1999/2000 fejn hija kienet iltaqghet ma' Steve Garrett, Edgar Publio Bonnici u Marco Bartolo. Kompliet tghid li huma kienu fehmuha li gieli jkun hemm tibdil ta' currency.

Spjegat li iltaqghet ma' Paul Tabone meta marret Banju Boutique biex tbiegh il-proprjeta' tal-familja taghha wara l-mewt ta' missierha u waqt li kienu qeghdin jitkellmu, Paul Tabone kien qalilha 'kemm m'hawn xejn', u kien ghalhekk li hija qaltlu li taf lil xi hadd li forsi jista' jaghmel naqra

[17] A folio 375-377 tal-process
[18] A folio 434-436 tal-process
[19] A folio 447-509 tal-process

business mieghu ghal interessi u infurmatu li wiehed minnhom kienet tahdem mieghu u semmietlu lil Edgar Publio Bonnici. Kompliet tghid li Tabone wera interess u kien talabha biex jiltaqa' maghhom, ghal liema laqgha hija kienet prezenti izda ma ftakritx min kien prezenti aktar u ziedet tghid li sussegwentament iltaqghu kemm-il darba izda hi mhux dejjem kienet prezenti. Mistoqsija jekk fil-presenza taghha qatx sehh xi tibdil ta' flus, hi qalet li ma tafx. Spjegat li Paul Tabone kien jaghmel hafna mistoqsijiet sabiex jara x'tip ta' bniedem hu Edgar u meta staqsiet lil Edgar fuq Paul, qalilha li kollox kien mixi kif suppost.

Mistoqsija min kien Sergio, hi wiegbet kien kollega ta' Edgar fl-Italja u li kien diga ghamel negozju mieghu u kollox mar tajjeb. Ikkonfermat illi Sergio kien jaf min hu Edgar u li giet infurmata li kienu ghamlu xi business flimkien.

B'referenza ghal Sergio hija xehdet li dan ta' l-ahhar kien tkellem ma' Paul bit-telephone ghax Paul kien cempel lil Sergio mill-ufficcju tieghu pero hi ma tafx x'intqal u lanqas tiftakar x'beda jghid Paul, hlief li wara li qata' kien qalilhom 'tajjeb jidher mhux hazin'. Qalet li dawn baqghu jiltaqghu u Edgar qalilha li ha jaghmlu xi tibdil ta' xi flus. Kompliet tghid li Edgar, Paul u Garrett ftehmu li Edgar u t-tifel ta' Paul Tabone kellhom imorru l-Italja biex jaghmlu xi tibdil ta' flus u kienet taf li se jtellghu l-isterlini u li ha jbiddluhom xi darba jew darbtejn u l-imghax dejjem kien jitla'.

Mistoqsija jekk sarux xi skritturi fuq dawn l-affarijiet dak iz-zmien hi qalet li ma tafx u ma tiftakarx, ziedet li huma kienu jiftehmu u hi ma setghet tindahal f'xejn. Spjegat li hi ma kienitx taf kemm kien se jaghmel qliegh Edgar u qalet li dawn l-affarijiet ma dahlitx fihom u lanqas kienet taf kemm kien immissha izda kienet taf li lilha kien se jmissha xi haga peress li hi kienet li laqghathom hi. Ziedet li kienet haditha bi kbira li

kellha titla’ hi, ghax jkun ahjar kieku tela’ t-tifel ta’ Paul peress li l-flus kienu ta’ missieru, izda dan ma riedx jitla’ u kellha titla’ hi. Spjegat li hija kienet rat ic-cekkijiet imma ma missithomx u li dak iz-zmien il-ligi kienet tghid li wiehed ma jistax isiefer b’iktar minn Lm25,000, allura ma setax itella’ Lm50,000. Tenniet li Paul Tabone kien ta Lm50,000 lil Edgar pero’ ma tafx kinux f’cheque wiehed jew le u li meta Edgar sarraf il-flus, il-flus baqghu ghand Edgar anke fl-ajruport u fil-kmamar tal-hotel ta’ Milan. Kompliet kif l-ghada kellhom jmorru go bank u kif iltaqghu ma’ Sergio li kien avzahom li kien hemm xi tibdil u mhux ha jsir xi bank transactions u minflok marru f’bar li kien mudlam hafna, fejn kien hemm Sergio u zewg Taljani ohra li kienu qieghdin jitkelmu bit-Taljan u Sergio kien qed jitkellem maghhom bil-mod tant li hi ma bdiet tisma’ assolutament xejn. Spjegat kif Sergio f’hin minnhom talabha tiehu karta mill-mazz flus li kellu, kif filfatt ghamlet u marret ma’ Sergio sabiex jixtru xi haga bl-intiza li jivverifikaw li l-flus kienu genwini, kif filfatt irrizulta. Kien ghalhekk li marru lura fil-bar, Sergio talab il-basket lil Edgar u dan tah il-basket u minn taht il-mejda, Sergio hareg basket u tah lil Edgar, liema basket gie miftuh minn Edgar li fethu u ra li kollox kien sew. Spjegat li Sergio kien qisu wiehed mignun, beda jaghmel taparsi qed jhares barra ghax qisu gej xi hadd u beda jghaggilhom. Kompliet tghid li kif waslu l-lukanda Edgar pogga l-basket u induna mill-ewwel li kien hemm nofs il-flus validi, u n-nofs l-iehor kienu foloz u ghax kienu gazzetti jigifieri ma kienx hemm flus. Spjegat li hija talbet lil Edgar jinfurmaw lil Pulizija izda kien qalilha biex ma jaghmlux dan ghax kienu jigu fl-inkwiet. Spjegat li ma tiftakarx jekk Sergio dahalx maghhom fil-lukanda. Qalet li Edgar beda jcempel lil Sergio pero’ dan ma bedix jirrispondi u prova jcempel lil certu Dr. Renaldi li ma kinitx taf min hu izda kien semmih Sergio u li kellu jkun il-persuna li kellu jmur il-bank u jaghmel l-affarijiet mieghu, izda hadd minnhom ma rrisponda.

Spjegat li Edgar qalilha li Sergio kien infurmah li kien hemm *misunderstanding* u kienu gejjin bil-flus lura u baqghu gimgha jistennew il-flus. Kompliet tghid li meta Edgar ra li l-gazzetti flok flus, qalilha biex jmorru jarmuhom u qabad il-basket u rema’ kollox go bin fi triq, niezlu Malta fejn Edgar informa lil Steve b’dak li gara u ftehmu li jergghu jitilghu lura hi, Steve u Edgar ghall-flus kif filfatt gara, filwaqt li temmet tghid li Edgar kien qed jiehu hsieb kollox.

Fil-kontro ezami spjegat li c-cekkijiet kien saru fuq isem Edgar filwaqt li spjegat li marru jsarrfu l-flus Haz Zabbar pero’ ma tiftakarx liema bank u x’currency riedu peress li kien ghaddha 18-il sena u ma tiftakarx dettalji. Ikkonfrontata bid-diskrepanza tax-xhieda taghha stante li fl-istqarrija hija kienet ddikjarat li Paul Tabone ghaddielhom ic-cekkijiet u huma marru jigru l-bank issarfuh, spjegat li meta tat l-istqarrija kienet mifxula u ma kinitx taf x’qed tghid. Hija cahdet li l-flus li ssarfu minn Maltin ghal Sterlini, ma kellhomx x’jaqsmu ma’ dawk il-hamisn elf Maltin li baqghu Maltin u cioe’ li ma ssarfux f’currency ohra stante li hi kienet marret ma’ Edgar tigbor il-flus. Mistoqsija fejn taf jekk dawk il-Lm25,000 ghandhomx x’jaqsmu mal-Lm50,000 li taghhom Paul, u hi wiegbet li meta Edgar mar isarraf ic-cekkijiet hi kienet mieghu.

In oltre u mistoqsija fuq ammont ta Lm27,000, hi qalet li hu qatt ma semmielha xejn b’dan l-ammont filwaqt li kompliet tinsisti li ma jistax ikun il-kaz li l-flus qatt ma ssarfux ghal Sterlini u baqghu Maltin. Spjegat li ma tafx issarfux f’munita sterlina pero li taf hu li meta marru barra, kienu sterlini u li hi kienet mieghu il-bank meta ssarrafhom hdejn il-kaxxier, izda kkonfermat li hi ma rat xejn b’ghajnejha izda sempliciment kienet tmur mieghu u ratu jsarrafhom u rat mazzez ta’ l-isterlini f’pakketti. Kompliet tinnega li l-flus ma ssarfux u li huma qasmu l-flus bejniethom.

Rinfaccata bil-verzjoni li tat fl-istqarrija meta qalet li hija indunat li l-flus huma foloz ghax kienu rqaq hafna u naqset milli tghid li kienu gazzetti, spjegat li hi bdiet tinsa u qed tinfixel. Mistoqsija jekk ccekjatx il-flus wahda wahda meta sabet il-foloz, hi rrispondiet fin-negattiv u ziedet tghid li Edgar kien qalilha li importanti li jarmu l-flus foloz ghax jekk jinqabdu bihom, kien jinqala' aktar problemi izda ma tiftakarx meta remew il-flus u lanqas tiftakar jekk ghoddewhomx il-flus fil-bar.

Mistoqsija ghaliex hija ma infurmatx lil Paul Tabone galadarba kienet qed tipprezentah, hi wiegbet li hi ma hasbitx li qed tipprezenta lil Paul izda ghax Edgar ma riedx jitla wahdu.

**Edgar Publio Bonnici**[20] ikkonferma li Paul kien ghadda lilu erba' cekkijiet u li hu kellu jaghmel negozju bihom filwaqt li hu kellu jghaddi lura l-ammont ta' Lm100,900, liema cekkijiet hu kien sarrafhom il-Bank of Valletta gewwa l-Belt izda ma kienx jaf id-data ta' meta ghamel dan, fejn huwa biddel ic-cekkijiet ma' flus kontanti u stante li l-bank ma kellhomx flus bizzjjed sarraf Lm25,950.91c ghal sterlina ghand il-Euro Change filwaqt li zied li parti mill-flus tal-Bank of Valletta kienu fuq isem Maria Assunta Cassar u mhux fuq ismu.

L-imputat spjega kif hu flimkien ma' Marcelle Cassar marru ghand Tabone gewwa Banju Boutique u flimkien introducewlu din il-bicca negozju ta' tisrif ta' flus li qal li ghamel. Jghid li l-ewwel marret Marcelle Cassar u x'hin Tabone qal li kien interessat, mar flimkien maghha xi tlett darbiet. Kompla jghid li huma kienu spjegaw lil Tabone u anke kien hemm darbtejn fejn Tabone kellem lil barranin li kienu jaghmlu xoghol mieghu u cioe' wiehed bl-isem ta' Sergio Calleja, b'dana li Tabone kien jaf b'Calleja. Spjega li biex jibdlu l-flus huma kienu marru Milan l-Italja

[20] A folio 528-565 tal-process

u l-flus bidlu l-idejn darba f'kafe gewwa l-Italja, fejn hu ghadda l-baskett bl-isterlini u t-Taljan li kien ma Sergio ghadda basket bi flus Taljani fih filwaqt li kompla jghid li dan it-Taljan ma telaqx il-barra izda mar ma' Sergio jiccekkja li l-flus ma kinux foloz. Jghid li hu u t-Taljan ma ccekkjawx il-flus dak il-hin imma iccekkjaw jekk kinux foloz x'hin kienu fil-lukanda ghaliex kien jaf li Sergio kien persuna ta' min jafdah u intebah x'hin kien fil-lukanda ma' Marcelle u ghalhekk cempel mill-ewwel lil Sergio li beda jghidlu "dahqu bijna dahqu bijna issa naraw" u dan ta' l-ahhar ossija Sergio kien qallhom biex jehilsu mill-flus ghaliex setghu jigu fl-inkwiet u kien ghalhekk li rmewhom gewwa dustbin. Spjega li ma kienx ghamel rapport mal-pulizija li hu kien gie frodat, liema decizjoni kienet ta' Sergio filwaqt li qal li ma jiftakarx Marcelle Cassar riditx taghmel rapport izda x'aktarx le.

Kompla li hu ma kienx informa lil Tabone mill-Italja fuq li kien gara ghaliex Sergio kull darba beda jghidlu li ser jirrangaw izda Sergio sparixxa u ma kienx jaf min hu t-Taljan li kien ma' Sergio.

B'referenza ghall-qliegh, wiegeb li kellhom commission ta 15% izda mhux talli ma hadu xejn talli kellu jhallas il-passaggi u nefaq xi Lm600 mobile dak iz-zmien izda kien fi stat ta' genn.

Xehed li l-flus kellhom jirdoppjaw fi zmien gimgha jew xahar ghal Lm100,000 billi jissarfu aktar minn darba cioe', tbiddel il-flus aktar minn darba mill-munita barranija ghal ohra. Mistoqsi jekk kienx jaf li dak it-trasferiment li sar fil-kafe kienx illegali hu wiegeb li fil-banek legali izda mhux fl-idejn filwaqt li qal li ma kienx jaf li dan kien hasil ta' flus.

Xehed li hu ma ghamilx tajjeb ghat-telf li kien ghamel Tabone u li Tabone qatt ma talbu biex jaghmel tajjeb. B'referenza ghac-cekkijiet, xehed li hu

ma kienx talab lil Paul Tabone biex jikteb ic-cekkijiet fuq ismu izda kienet decizjoni ta' Tabone stess.

Spjega li Sergio ma kienx mar maghhom il-lukanda izda fl-istqarrija li kien ta fit-8 ta' Marzu 2006 kien qal li kien maghhom. In oltre fl-istess stqarrija kien iddikjara li ma kienx jaf x'sar minnhom il-flus jew li kien tahom lil Sergio.

Xehed li ma ghandux ircevuti li juru li hu kien mar l-Italja u li ma kienx dahhal lil Sergio ghax kien jaf li dan kien mahrub minn Malta u uzah ghax kien jaf li dan qatt mhu ser jigi Malta filwaqt li cahad li hu qatt ma kellux kuntatt ma' Sergio u lanqas mar l-Italja u li l-flus hadhom hu u sarrafhom ma' Garrett u Marcelle Cassar.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi sabiex tanalizza l-provi mressqa:

Illi l-Qorti fliet il-provi kollha inkluz ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u imputati, u ssib il-verzjoni tal-prosekuzzjoni bhala l-aktar verosimili. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif minkejja li rrizulta li la hargu u wisq anqas dahlu mill-ajruport, l-imputati baqghu jinsistu li effettivament huma siefru. Ulterjorament, mistoqsija jekk kellhomx dokumentazzjoni jew rcevuti ta' meta kienu l-Italja, huma rrispondew fin-negattiv. Xehdu li flus ma kellhomx u Steve Garrett kien baghtilhom l-ammont ta' Lm600 liema verzjoni ukoll kienet kontradetta mill-provi tad-difiza stess u in ogni caso, lanqas ingiebet prova ta' dan sabiex jippruvaw il-kaz taghhom u cioe' li vera marru l-Italja ghan-negozju, galadarba z-zewg imputati ghazlu li jixhdu, konsiderando l-fatt li l-provi tal-prosekuzzjoni rrizultaw mod iehor.

Din il-Qorti tinnota wkoll li lanqas kien hemm qbil bejn iz-zewg imputati dwar min kien prezenti fil-lukanda gewwa l-Italja meta ndunaw bil-flus

foloz. Tirrileva li filwaqt li Marcelle Cassar xehdet li ppruvaw icemplu lil Sergio li ma rrispondix ghal tali telefonata, Edgar Publio Bonnici qal li dan kellmu, qallu biex jiddisponi mill-flus peress li kienu ser jigu f'aktar inkwiet u wieghdu li kienu ser jmorru lura bil-flus genwini. Ulterjorment il-Qorti tinnota li l-imputati naqsu milli jaghtu dettalji dwar l-isem tal-kafeterija/bar fejn allegatament iltaqghu ma' Sergio u l-isem tal-lukanda fejn allegatament huma qaghdu f'Milan.

In oltre, x-xhieda ta' Steve Garrett ma hija xejn affidabbli tant li minn xhieda ghal ohra huwa beda jbiddel il-verzjonijiet fuq l-ammont ta' Lm600 li allegatament huwa ghadda lill-imputati filwaqt li l-istess Garrett kif ukoll l-imputati lkoll naqsu milli jispecifikaw kif ghaddielhom din is-somma ta' Lm600.

Tinnota wkoll li filwaqt li Edgar Publio Bonnici xehed li huwa sarraf il-flejjes gewwa l-Belt, mir-rizultanzi tal-prosekuzzjoni u mix-xhieda ta' Marcelle Cassar, il-flus issarfu gewwa Haz-Zabbar.

Jirrizulta ppruvat li l-kwerelant ghadda l-flus lill-imputati ghal uzu specifiku u bl-obbligu li jirritorna l-istess lill-istess kwerelant flimkien ma' l-imghaxijiet mwieghda lilu, liema haga ma sehhitx ghad-dannu ta' l-istess kwerelant u ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova l-akkuzi kif kontemplati fl-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati, li kienu ko-atturi f'dan kollu tant li anke sabiex isarrfu l-flus kienu jmorru flimkien.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputati, rat l-artikoli 23, 30, 31, 309, 310(1)(a), 293, 294, tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif kienu jaqraw fid-data tal-kummissjoni tar-reat, issib liz-zewg imputati hatja taht l-artikolu 309, 310(1)(a), 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberahom mill-

akkuza taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna liz-zewg akkuzati ghal piena ta’ sena habs illi bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal erba’ snin.

Il-Qorti qeghda ukoll ai termini tal-Artiklu 15A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tohrog Ordni ta’ Pagament kontra l-imputati Edgar Publio Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar a favur tal-vittma Paul Tabone u tordna lill-imputati sabiex jirrestitwixxu lill-vittma is-somma ta’ mija u sittax il-elf u disa’ mija u erbgha u tletin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (ekwivalenti ghas-somma ta’ hamsin elf u mitejn lira Maltin – Lm50,200), bl-imghax bit-8% minn April 2001 sad-data tal-effettiv pagament, liema pagament, ai termini ta’ l-Artiklu 28H (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandu jsir mhux aktar tard minn sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li ma gew nominati l-ebda esperti f’din il-kawza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Edgar Publio Bonnici fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x’jigri jekk huwa ma jonorax l-istess u l-imputat jiddikjara li fehem l-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputata Maria Assunta sive Marcelle Cassar fi kliem car l-obbligi taghha taht din is-sentenza u x’jigri jekk hija ma tonorax l-istess u l-imputata tiddikjara li fehmet l-istess.

***Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur